Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,279, 17 ta' Mejju, 1996
Taqsima B

A.L. 93 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Statut I 22 – L-Istitut Internazzjonali għall-Istudji fil-Barokk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(h), 31(2) u 33(c) ta' dak l-Att:

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut I 22 – L-Istitut Internazzjonali għall-Istudji fil-Barokk.

2. Qiegħed hawnhekk jiġi mwaqqaf l-Istitut Internazzjonali għall-Istudji fil-Barokk hawn taħt imsejjaħ bħala "l-Istitut".

3. L-għanijiet ta' l-Istitut għandhom ikunu:

(a) biex jippromwovi r-riċerka inter-dixxiplinarja, l-istudji akkademiċi dwar aspetti varji tal-kultura Barokka, billi jservi bħala ċentru importanti kemm għall-istudjużi lokali kif ukoll barranin midħla fir-riċerka fuq l-aspetti varji tal-kultura Barokka, u jgħinhom ixerrdu l-istudji tagħhom kemm fost l-akkademiċi ta' madwarhom kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali;

(b) biex jorganizza simposji, konferenzi għall-pubbliku f'sensiliet, esibizzjonijiet, kompetizzjonijiet tal-fotografija u attivitajiet oħra li jwasslu għal apprezzament akbar tal-kultura Barokka, b'riferenza partikulari għal Malta;

(ċ) biex iżomm kuntatt u relazzjoni reċiproċi ma' ċentri simili għall-istudji fil-Barokk barranin;

(d) biex iwaqqaf u jikkostitwixxi ċentru ta' riċerka u riżorsi fuq l-arti u l-arkitettura Barokka, u jinkludi bank informatiku u indiċi ta' riferenza tal-pubblikazzjonijiet eżistenti fuq il-perijodu Barokk b'enfasi speċjali fuq il-Barokk Malti; u

(e) biex jipprovdi pariri u għajnuna fil-preservazzjoni tal-wirt Malti fil-Barokk.

4. L-Istitut jitmexxa minn Bord magħmul mill-membri li ġejjin:

Chairman:	Ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;
Viċi-Chairman:	Id-Direttur-Ġenerali tal-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali jew id-delegat tiegħu;
Segretarju:	Id-Direttur ta' l-Istitut;
Teżorier:	L-Uffiċjali tal-Finanzi ta' l-Università jew id-delegat tiegħu;
Membri:	Id-Dekan tal-Fakultà ta' l-Arti jew id-delegat tiegħu; Id-Dekan tal-Fakultà ta' l-Arkitettura u Inġinerija Ċivili jew id-delegat tiegħu; Żewġ skulari ta' riputazzjoni li jiġu maħtura mill-Bord.

5. Il-funzjonijiet tal-Bord għandhom ikunu kif ġej:

(a) biex jiddetermina l-politika ta' l-Istitut dwar l-għanijiet imsemmija fuq;

(b) biex jiżgura l-amministrazzjoni finanzjarja u amministrazzjoni oħra ta' l-Istitut kif suppost; u

(ċ) biex jaqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li huma lilu assenjati b'dan l-istatut jew li jwasslu għalihom jew jaqduhom.

6. (1) L-Istitut għandu jkollu Direttur u staff.

(2) Id-Direttur għandu jiġi maħtur wara li ssir sejħa għal applikazzjoni mill-Kunsill ta' l-Università għall-żmien ta' ħames snin, bil-possibilità ta' tiġdid fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(3) L-istaff amministrattiv u klerikali għandu jiġi maħtur mill-Bord skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Istatut I 00.

7. Il-funzjonijet tad-Direttur ikunu:

(a) is-superviżjoni ta' l-amministrazzjoni minn jum għall-ieħor ta' l-Istitut, skond il-politika mfassla mill-Bord;

(b) it-thejjija tal-*budget* annwali ta' l-Istitut u s-sottomissjoni tiegħu lill-Bord; u

(ċ) li jissottometti rapport finanzjarju ta' kull sena flimkien ma' rapport ta' kull sena dwar l-attivitajiet ta' l-Istitut lis-Senat u l-Kunsill.

8. Il-Bord ta' l-Istitut għandu jistabilixxi ftehim ta' xogħol mal-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali flimkien mas-sistemi ta' Istituti għall-Istudji tal-Barokk fl-Italja.

9. Il-Bord jista' wkoll jaħtar Kunsill Konsultattiv Internazzjonali.

10. Emendi għal dan l-istatut jistgħu jitressqu mill-Bord biex jiġu approvati mill-Kunsill ta' l-Università.